KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fis-26 ta' Settembru 2019 [1]

Kawża C-394/18

I.G.I. Srl
vs
Maria Grazia Cicenia,
Mario Di Pierro,
Salvatore de Vito,
Antonio Raffaele
fil-preżenza ta':
Costruzioni Ing. Iandolo Srl

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte d'Appello di Napoli (il-Qorti tal-Appell ta' Napoli, l-Italja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kumpanniji – Diviżjonijiet – *Actio pauliana* – Protezzjoni tal-interessi tal-krediturі tal-kumpanniji li jipparteċipaw f'diviżjoni – Ċertezza legali tal-operazzjoni ta' diviżjoni – Sitt Direttiva 82/891/KEE"

I. Introduzzjoni

1. Skont id-dritt Ruman, il-protezzjoni tal-krediturі kontra l-manuvri frawdolenti tad-debituri tagħhom ġiet assigurata l-ewwel nett, kif spjegaha l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer, permezz ta' għodda primittiva li tagħti d-dritt lill-kreditur li jbigħ bħala lsir lid-debitur li ma ħallasx id-dejn tiegħu, imbagħad billi jibda azzjoni li tippermetti lill-kreditur jannulla l-atti magħmula b'mod frawdolenti u għall-iżvantaġġ tiegħu mid-debitur [2]. Dak iż-żmien tali azzjoni kienet ibbażata fuq tliet elementi essenzjali [3]: l-ewwel nett, dannu attwali li jeżisti fil-mument li ssir l-azzjoni (*eventus damni*); imbagħad, l-intenzjoni frawdolenti tad-debitur li jagħmel ħsara lid-drittijiet tal-krediturі (*consilium fraudis*); u, fl-aħħar nett, l-għarfien tal-frodi mit-terz (*scientia fraudis*).

2. Fi żminijietna, il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-*actio pauliana*, kif teżisti fi Stati Membri differenti, għadhom jissellfu mid-dritt Ruman. B'mod ġenerali, *actio pauliana* tista' tiġi ppreżentata meta att ta' dispożizzjoni tal-patrimonju magħmul mid-debitur ikun ikkawża dannu lill-kreditur. Huwa wkoll meħtieġ li tintwera l-eżistenza ta' frodi min-naħa tad-debitur, kif ukoll l-għarfien ta' din il-frodi minn parti terza, jew saħansitra l-kompliċità tagħha.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Seagon (C-339/07, EU:C:2008:575, punti 23 sa 26).

3 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Feniks (C-337/17, EU:C:2018:487, punt 34).

3. L-*actio pauliana* għalhekk tipproteġi lill-kredituri meta d-debitur inaqqas il-beni tiegħu li jistgħu jinqabdu biex jevita li jħallas id-djun tiegħu [4]. Hija eżerċitata mill-kreditur kontra x-xerrej terz tal-beni kontenzjużi, u l-iskop tagħha huwa, fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, li terġa' tiddaħħal fil-patrimonju tad-debitur proprjetà ttrasferita b'mod frawdolenti [5]. F'dan ir-rigward, l-*actio pauliana* hija azzjoni li tippermetti lil kreditur li jiġi ddikjarat ineffettiv, fil-konfront tiegħu, att ta' dispożizzjoni tal-patrimonju magħmul minn debitur bil-għan li jnaqqas dan il-patrimonju b'mod frawdolenti.

4. L-*actio pauliana* tista', f'dan ir-rigward, ikollha rwol fid-dritt tal-kumpanniji, sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-kredituri ta' kumpannija, b'mod partikolari fil-preżenza ta' ristrutturar korporattiv. Madankollu, l-użu tagħha f'dan il-każ partikolari ma jidhirx li huwa meħtieġ, billi l-implimentazzjoni tagħha hija konformi mal-istrumenti ddedikati għall-protezzjoni tal-kredituri previsti mid-dritt tal-Unjoni, u jidher li tista' tpoġġi fid-dubju, sa ċertu punt, is-sostenibbiltà ta' operazzjoni ta' ristrutturar diġà mwettqa. Dan jixhduh iż-żewġ domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju fil-kawża ineżami, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' diviżjoni, li jagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi għall-ewwel darba dwar l-Artikoli 12 u 19 tas-Sitt Direttiva 82/891/KEE [6].

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. It-Tielet Direttiva 78/855/KEE

5. L-ewwel artikolu tat-Tielet Direttiva 78/855/KEE [7], intitolat "Għan", fl-ewwel paragrafu tiegħu jipprevedi:

"1. Il-miżuri ta' koordinazzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva m'għandhomx japplikaw għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrigwardaw it-tipi ta' kumpanniji li ġejjin:

[…]

– l-Italja: "società per azioni";

[…]"

6. L-Artikolu 13(3) ta' din id-direttiva jipprovdi li:

"Din il-protezzjoni tista' tkun differenti għall-kredituri tal-kumpannija li qed takkwista u għal dawk tal-kumpannija li qed tiġi akkwistata".

4 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Feniks (C-337/17, EU:C:2018:487, punt 35).

5 Ara Hoffman, N., "Die Actio Pauliana im deutschen Recht: Gläubigeranfechtung nach dem Anfechtungsgesetz und der Insolvenzordnung"; Rivero, F., "La acción pauliana en Derecho español"; Chazal, J. P., "L'action paulienne en droit français", f'Forner Delaygua, J. (editur), *La protección del crédito en Europa: La acción pauliana*, Bosch, Barcelona, 2000; Pyziak-Szafnicka, M., Wilejczyk, M., "Ochrona wierzyciela w razie niewypłacalności dłużnika", f'*System Prawa Prywatnego. Prawo zobowiązań – część ogólna*, volum 6, taħt id-direzzjoni ta' Olejniczak, A. (editur), C.H. Beck, Varsavja, 2018, p. 1771 u 1772.

6 Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(ġ) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 50), kif emendata mid-Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 (ĠU 2007, L 300, p. 47) (iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"). Nenfasizza f'dan ir-rigward li din id-direttiva ġiet irrevokata bid-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi tal-kumpaniji (ĠU 2017, L 169, p.46), iżda xorta ma tapplikax *ratione temporis* għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

7 It-Tielet Direttiva tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(ġ) tat-Trattat dwar l-għaqda ta' kumpanniji b'responsabbiltà pubblika limitata (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 42), kif emendata mid-Direttiva 2007/63 (iktar 'il quddiem it-"Tielet Direttiva").

2. Is-Sitt Direttiva

7. L-ewwel artikolu tas-Sitt Direttiva jipprovdi:

"1. Meta l-Istati Membri jippermettu lill-kumpanniji msemmijin f'Artikolu 1(1) tad-Direttiva 78/855/KEE li jaqgħu taħt il-liġijiet tagħhom li jwettqu operazzjonijiet ta' diviżjoni permezz ta' akkwist kif imfisser f'Artikolu 2 ta' din id-Direttiva, għandhom jissuġġettaw dawk l-operazzjonijiet għad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu I ta' din id-Direttiva.

2. Meta l-Istati Membri jippermettu lill-kumpanniji msemmijin f'paragrafu 1 li jwettqu operazzjonijiet ta' diviżjoni permezz tal-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda kif imfisser f'Artikolu 21, għandhom jissuġġettaw dawk l-operazzjonijiet għad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva.

[…]"

8. L-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, 'diviżjoni permezz ta' xiri' għandha tfisser l-operazzjoni li biha, wara li tkun xolta mingħajr ma' tkun likwidata, kumpannija tittrasferixxi lill-aktar minn kumpannija waħda l-attiv u l-passiv kollu tagħha bi bdil mal-allokazzjoni lill-azzjonisti tal-kumpannija li qed tiġi diviża ta' ishma fil-kumpanniji li qed jirċievu kontribuzzjonijiet b'riżultat tad-diviżjoni (minn hawn 'il quddiem imsemmijin bħala 'kumpanniji reċipjenti') u possibilment pagament fi flus li ma jeċċedix l-10 % tal-valur nominali tal-ishma allokati jew, meta m'għandhomx valur nominali, tal-valur ekwivalenti tal-parità kontabbli tagħhom."

9. L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Il-liġijiet ta' l-Istati Membri għandhom jiddisponu għal sistema adegwata ta' protezzjoni ta' l-interessi tal-krediturі tal-kumpanniji involuti f'diviżjoni li l-pretensjonijiet tagħhom kienu saru qabel il-pubblikazzjoni ta' l-abbozz tal-kundizzjonijiet tad-diviżjoni u li kienu għadhom ma' għalqux fil-ħin ta' din il-pubblikazzjoni.

2. Għal dak il-għan, il-liġijiet ta' l-Istati Membri għandhom ta' l-anqas jiddisponu li dawn il-krediturі jkollhom il-jedd li jiksbu protezzjoni adegwata meta l-qagħda finanzjarja tal-kumpannija li qed tiġi diviża u dik tal-kumpannija li lilha ser tkun trasferita l-obbligazzjoni skond l-abbozz tal-kundizzjonijiet tad-diviżjoni jagħmlu din il-protezzjoni neċessarja u meta dawk il-krediturі ma għandhomx diġà din il-protezzjoni.

3. Sa fejn kreditur tal-kumpannija li lilha ġiet trasferita l-obligazzjoni skond l-abbozz tal-kundizzjonijiet tad-diviżjoni ma jkunx ħa sodisfazzjon, il-kumpanniji reċipjenti għandhom ikunu responsabbli flimkien u separatament għal dik l-obbligazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw dak il-passiv għall-assi netti allokati lil kull waħda minn dawk il-kumpanniji barra dik li lilha l-obbligazzjoni ġiet trasferita. Madankollu, m'għandhomx għalfejn japplikaw dan il-paragrafu meta l-operazzjoni tad-diviżjoni hi suġġetta għas-sorveljanza ta' awtorità ġudizzjarja skond l-Artikolu 23 u maġġoranza numerika li tirrappreżenta tlett kwarti fil-valur tal-kreditutri jew kull klassi ta' krediturі tal-kumpannija li qed tiġi diviża ikunu qablu li ma japplikawx it-tali passiv flimkien jew separatament f'laqgħa miżmuma skond l-Artikolu 23(1)(ċ).

4. L-Artikolu 13(3) tat-[Tielet Direttiva] għandu japplika.

5. Bla ħsara għar-regoli dwar l-eżerċizzju kollettiv tad-drittijiet tagħhom, il-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw għad-detenturi ta' l-obbligazzjonijiet tal-kumpanniji involuti fid-diviżjoni, ħlief meta d-diviżjoni ġiet approvata f'laqgħa tad-detenturi ta' l-obbligazzjonijiet, jekk laqgħa bħal din ikun hemm disposizzjoni għaliha fil-liġijiet nazzjonali, jew mid-detenturi ta' l-obbligazzjonijiet individwalment.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddisponu li l-kumpanniji reċipjenti huma flimkien jew separatament responsabbli għall-obbligazzjonijiet tal-kumpannija li qed tiġi diviża. F'dan il-każ m'għandhomx għalfejn japplikaw il-paragrafi ta' hawn qabel

7. Meta Stat Membru jgħaqqad is-sistema ta' protezzjoni ta' krediturі preskritta f'paragrafi 1 sa 5 mar-responnsabbiltà flimkien u separatament tal-kumpanniji reċipjenti kif imsemmi f'paragrafu 6, jista' tillimita dik ir-responsabbiltà flimkien u separatament għall-assi netti allokati lil kull waħda minn dawk il-kumpanniji."

10. Skont l-Artikolu 15 tas-Sitt Direttiva:

"Il-liġijiet ta' l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw id-data li fiha diviżjoni tibda sseħħ."

11. L-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva jgħid:

"Diviżjoni għandu jkollha l-konsegwenzi li ġejjin ipso jure u simultanjament:

a) it-trasferiment, kemm dak ta' bejn il-kumpannija li qed tiġi diviża u l-kumpanniji reċipjenti u kemm dak li jirrigwarda terzi, lil kull waħda mill-kumpanniji reċipjenti ta' l-attiv u l-passiv kollu tal-kumpannija li qed tiġi diviża; dan it-trasferiment għandu jseħħ billi l-attiv u l-passiv jiġu diviżi skond l-allokazzjoni preskritta fl-abbozz tal-kundizzjonijiet ta' diviżjoni jew fl-Artikolu 3(3);

b) l-azzjonisti tal-kumpannija li qed tiġi diviża isiru azzjonisti ta' waħda jew aktar mill-kumpanniji reċipjenti skond l-allokazzjoni preskritta fl-abbozz tal-kundizzjonijiet ta' diviżjoni;

ċ) il-kumpannija li qed tiġi diviża ma tibqax teżisti."

12. L-Artikolu 19 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Il-liġijiet ta' l-Istati Membri jistgħu jippreskrivu regoli dwar annullament għal diviżjonijiet skond il-kondizzjonijiet li ġejjin biss:

a) annullament għandu ikun ordnat b'deċiżjoni ta' qorti;

b) diviżjonijiet li seħħew skond l-Artikolu 15 jistgħu jiġu dikjarati nulli biss jekk ma kienx hemm sorveljanza preventiva ġudizzjarja jew amministrattiva tal-legalità tagħhom, jew jekk ma ġewx imfassla u ċertifikati fil-forma legali kif suppost, jew jekk jidher li d-deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali hi nulla jew tista' tiġi annullata taħt liġi nazzjonali;

c) proċeduri ta' annullament ma' jistgħux jiġu mibdija aktar minn sitt xhur wara d-data li fiha d-diviżjoni ssir effettiva kontra l-persuna li qed tallega annullament jew jekk is-sitwazzjoni ġiet irrangata;

d) meta hu possibbli li jissewwa difett li jista' jirrendi diviżjoni nulla, l-qorti kompetenti għandha tagħti lill-kumpanniji involuti perjodu ta' żmien li fih tista' tirranġa s-sitwazzjoni;

e) sentenza li tiddikjara diviżjoni nulla għandha tiġi pubblikata kif preskritt mil-liġijiet ta' kull Stat Membru skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 68/151/KEE [8];

8 L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1968 dwar il-kordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 3) (iktar 'il quddiem l-"Ewwel Direttiva").

f) meta l-liġijiet ta' Stat Membru jippermettu li terza persuna tisfida din is-sentenza, din tista' tagħmel dan biss fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tas-sentenza kif preskritt [fl-Ewwel Direttiva];

g) sentenza li tiddikjara diviżjoni nulla m'għandhiex fiha nnifisha taffettwa l-validità ta' obbligazzjonijiet dovuti minn jew relatati mal-kumpanniji reċipjenti li seħħew qabel ma ġiet pubblikat s-sentenza u wara d-data msemmija f'Artikolu 15;

h) kull waħda mill-kumpanniji reċipjenti għandha tkun responsabbli għall-obbligazzjonijiet tagħha li oriġinaw wara d-data ta' meta seħħet id-diviżjoni u qabel id-data li fiha s-sentenza li dikjarat l-annullament tad-diviżjoni kienet ippubblikata. Il-kumpannija li qed tiġi diviża għandha wkoll tkun responsabbli għal dawn l-obligazzjonijiet; Stati Membri jistgħu jiddisponu li din ir-responsabbiltà tkun limitata għas-sehem ta' l-assi netti trasferiti lill-kumpannija reċipjenti li dawn l-obbligazzjonijiet kienu oriġinaw akkont tagħha.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a), il-liġijiet ta' Stat Membru jistgħu ukoll jiddisponu għall-annullament ta' diviżjoni li tkun ordnata minn awtoritàamministrattiva jekk appell kontra dik is-sentenza ikun preżentat f'qorti. Is-subparagrafi (b), (d), (e), (f), (g), u (h) għandhom jgħoddu b'analoġija għall-awtorità amministrattiva. Dawn il-proċeduri ta' annullament ma' jistgħux jinbdew aktar min sitt xhur wara d-data msemmija fl-Artikolu 15.

3. Dan ta' qabel ma għandux jaffettwa l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-annullament ta' diviżjoni dikjarat wara xi sorveljanza ta' legalità."

13. L-Artikoli 2 sa 19 tas-Sitt Direttiva jidhru taħt il-Kapitolu 1, intitolat "Diviżjoni permezz ta' akkwist".

14. Taħt il-Kapitolu II ta' din id-direttiva, intitolat "Divizjoni permezz tal-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda", l-Artikolu 21(1) jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'diviżjoni permezz tal-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda' tfisser l-operazzjoni li biha, wara li tkun xolta mingħajr ma' tkun likwidata, kumpannija tittrasferixxi lill-aktar minn kumpannija waħda li tkun għada kemm ġiet iffurmata l-attiv u l-passiv kollu tagħha bħala bdil ma' l-allokazzjoni lill-azzjonisti tal-kumpannijali qed tiġi diviża ta' ishma fil-kumpanniji reċipjenti, u possibilment pagament fi flus li ma jeċċedix l-10 % tal-valur nominali ta' l-ishma allokati jew, meta dan m'għandhomx valur nominali, tal-valur tal-parità kontabbli tagħhom."

15. L-Artikolu 22 ta' din id-direttiva, li jidher ukoll taħt il-Kapitolu II, jgħid fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Artikoli 3, 4, 5 u 7, 8 (1) u (2) u 9 sa 19 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw, bla ħsara għall-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 68/151/KEE, għal diviżjoni permezz tal-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda. Għal dan l-iskop, l-espressjoni 'kumpanniji involuti f'diviżjoni' għandha tirreferixxi għall-kumpannija li qed tiġi diviża u l-espressjoni 'kumpanniji reċipjenti' għandha tirreferixxi għal kull waħda minn dawn il-kumpanniji ġodda."

16. Il-Kapitolu IV tas-Sitt Direttiva, intitolat "Operazzjonijiet oħra meqjusa bħala diviżjonijiet", jinkludi fih l-Artikolu 25 li jipprovdi kif ġej:

"Meta l-liġijiet ta' Stat Membru jippermettu waħda mill-operazzjonijiet speċifikati f'Artikolu 1 bla ma l-kumpannija li qed tiġi diviża tieqaf milli teżisti, il-Kapitoli I, II u III għandhom japplikaw, ħlief l-Artikolu 17(1)(ċ)."

B. Id-dritt Taljan

17. L-Artikolu 2503 tal-Kodiċi Ċivili (codice civile), intitolat "Oppożizzjoni tal-krediturі", jipprovdi:

"L-għaqda ma tistax titwettaq ħlief sittin jum wara l-aħħar reġistrazzjonijiet previsti fl-Artikolu 2502 bis, ħlief fil-każ ta' ftehim tal-krediturі tal-kumpanniji li qegħdin jipparteċipaw fl-għaqda, li d-dejn tagħhom jippreċedi r-reġistrazzjoni jew il-pubblikazzjoni prevista fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 2501 ter, jew fil-każ ta' ħlas tal-krediturі li ma tawx il-kunsens tagħhom, jew inkella meta s-somom inkwistjoni jkunu ddepożitati f'bank, dment li ma tkunx ġiet stabbilita r-relazzjoni msemmija fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 2501 sexies għall-kumpanniji kollha li jipparteċipaw fl-għaqda minn kumpannija waħda ta' awdituri li tiċċertifika, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 2501 sexies li, wara li kkunsidrat is-sitwazzjoni patrimonjali u finanzjarja tal-kumpanniji involuti fl-għaqda, ma huwiex neċessarju li jinħolqu garanziji biex jiġu protetti l-imsemmija krediturі.

Meta ma tapplika l-ebda waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet, il-krediturі msemmija fil-paragrafu preċedenti jistgħu joġġezzjonaw f'dan it-terminu ta' sittin jum. F'dan il-każ, japplika l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2445."

18. L-Artikolu 2504 quater tal-Kodiċi Ċivili, intitolat "Invaliditа tal-għaqda", jipprovdi:

"Fejn kien is-suġġett tar-reġistrazzjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 2504, l-att ta' għaqda ma jistax jiġi ddikjarat invalidu iktar. Jibqa' d-dritt għall-kumpens għad-dannu li eventwalment ġarrbu l-imsieħba jew terzi leżi bl-għaqda."

19. L-Artikolu 2506 tal-Kodiċi Ċivili, intitolat "Forom ta' diviżjoni" jipprevedi:

"Fil-kuntest ta' diviżjoni, kumpannija talloka l-patrimonju kollu tagħha lil diversi kumpanniji preeżistenti jew iffurmati ġodda, jew parti mill-patrimonju tagħha, f'dan il-każ anki lil kumpannija waħda, u l-azzjonijiet jew kwoti korrispondenti lill-azzjonisti tagħha.

Il-ħlas ta' bilanċ fi flus huwa awtorizzat, sakemm ma jaqbiżx l-10% tal-valur nominali tal-azzjonijiet jew il-kwoti allokati. Huwa wkoll permess li, b'kunsens unanimu, ċerti azzjonisti ma jirċevux azzjonijiet jew kwoti ta' xi waħda mill-kumpanniji benefiċjarji tad-diviżjoni, imma azzjonijiet jew kwoti tal-kumpannija diviża.

Il-kumpannija diviża tista', fil-kuntest tad-diviżjoni, jew tgħaddi għax-xoljiment tagħha mingħajr likwidazzjoni, jew inkella tkompli bl-attività tagħha.

Il-parteċipazzjoni fid-diviżjoni ma hijiex permessa għal kumpanniji f'likwidazzjoni li jkunu bdew it-tqassim tal-attiv."

20. L-Artikolu 2506 ter tal-Kodiċi Ċivili, intitolat "Dispożizzjonijiet applikabbli" jipprevedi:

"L-Artikoli 2501 septies, 2502, 2502 bis, 2503, 2503 bis, 2504, 2504 ter, 2504 quater, 2505 l-ewwel u t-tieni paragrafu, 2505 bis u 2505 ter japplikaw ukoll għad-diviżjonijiet. Ir-riferimenti kollha għall-għaqda li jidhru f'dawn l-artikoli jirreferu wkoll għad-diviżjoni."

21. L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2506 quater tal-Kodiċi Ċivili, intitolat "Effetti tad-diviżjoni", jgħid:

"Fil-limiti tal-assi netti allokati lilha jew li hija żżomm, kull kumpannija hija responsabbli *in solidum* għad-djun tal-kumpannija diviża mhux issodisfatti mill-kumpannija li lilha jkunu ġew ittrasferiti."

22. L-Artikolu 2901 tal-Kodiċi Ċivili, li jidher fit-taqsima intitolata "Fuq l-azzjoni revokatorja", jgħid:

"Anki meta jkollu dejn kundizzjonali jew b'terminu, il-kreditur jista' jitlob li l-atti ta' dispożizzjoni tal-patrimonju li bihom id-debitur jagħmillu ħsara jiġu ddikjarati mingħajr effetti fir-rigward tiegħu meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

1) id-debitur kien konxju mill-ħsara kkawżata lill-kreditur jew, fil-każ ta' att qabel il-ħolqien tad-dejn, huwa rrealizza dan bl-intenzjoni li jimpedixxi d-dejn milli jkun issodisfatt;

2) barra minn hekk, fil-każ ta' att b'titolu oneruż, il-parti terza kienet taf bil-ħsara u, fil-każ ta' att qabel il-ħolqien tad-dejn, huwa kompliċi fl-att magħmul bl-intenzjoni li jagħmel ħsara lill-kreditur.

[…]"

23. Jirriżulta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2902 tal-Kodiċi Ċivili li kreditur li jkun kiseb dikjarazzjoni li l-att ta' dispożizzjoni tad-debitur li ppreġudika l-garanzija fuq il-patrimonju tad-debitur ikun mingħajr effett jista' jagħmel kontra xerrej terz l-azzjonijiet eżekuttivi jew kawtelatorji fuq il-beni li huma s-suġġett tal-att ikkontestat.

24. Fl-aħħar nett, mill-Artikolu 2903 tal-Kodiċi Ċivili jidher ċar li l-azzjoni revokatorja hija suġġetta għal perijodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin li jibda għaddej mit-twettiq tal-att.

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. B'att notarili tas-16 ta' Settembru 2009, il-kumpannija Costruzioni Ing. Iandolo Srl ittrasferixxiet, waqt diviżjoni, parti mill-patrimonju tagħha lill-kumpannija I.G.I. Srl, stabbilita għal dan il-għan.

26. Billi kkunsidraw li din id-diviżjoni kienet ikkawżat lil Costruzioni Ing. Iandolo telf tal-parti l-kbira mill-patrimonju tagħha u li issa hija kienet biss proprjetarja ta' biċċiet żgħar ta' art ta' valur żgħir, Maria Grazia Cicenia u Mario Di Pierro, Salvatore de Vito u Antonio Raffaele appellaw quddiem it-Tribunale di Avellino (il-Qorti ta' Avellino, l-Italja), fejn iddikjaraw li kienu kredituri ta' Costruzioni Ing. Iandolo. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti għamlu azzjoni revokatorja, jew *actio pauliana*, skont l-Artikolu 2901 tal-Kodiċi Ċivili, fejn talbu li l-att ta' diviżjoni jiġi ddikjarat mingħajr effett fil-konfront tagħhom. Sussidjarjament, ir-rikorrenti talbu li Costruzioni Ing. Iandolo u I.G.I. jiġu ddikjarati responsabbli *in solidum* għad-djun ta' Costruzioni Ing. Iandolo, bis-saħħa tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 2506 quater tal-Kodiċi Ċivili.

27. Permezz ta' sentenza ppubblikata fil-11 ta' Diċembru 2015, it-Tribunale di Avellino (il-Qorti ta' Avellino) laqgħet it-talba prinċipali tar-rikorrenti u ddikjarat l-att ta' trasferiment ta' beni skont l-att ta' diviżjoni mingħajr effett fil-konfront tagħhom "fir-rigward tal-beni koperti mill-att irrevokat li għadhom miżmumin mill-kumpannija I.G.I.".

28. I.G.I. u Costruzioni Ing. Iandolo appellaw minn din is-sentenza fil-Corte d'Appello di Napoli (il-Qorti tal-Appell ta' Napoli, l-Italja), billi sostnew, b'mod partikolari, li l-*actio pauliana* magħmula mill-kredituri kienet inammissibbli għar-raġuni li l-oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 2503 tal-Kodiċi Ċivili kienet l-uniku rimedju disponibbli għall-kredituri tal-kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni u, peress li ma ġiet ippreżentata l-ebda oppożizzjoni, l-effetti tad-diviżjoni saru finali fir-rigward tal-kredituri. Dawn il-kumpanniji jsostnu, barra minn hekk, li l-Artikolu 2504 quater tal-Kodiċi Ċivili jipprekludi li diviżjoni tkun iddikjarata invalida wara r-reġistrazzjoni ta' diviżjoni fir-reġistru tal-impriżi.

29. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza f'dan ir-rigward li l-Artikoli 2503 u 2504 quater tal-Kodiċi Ċivili jittrasponu fid-dritt nazzjonali l-Artikoli 12 u 19 tas-Sitt Direttiva.

30. B'mod iktar speċifiku, minn naħa, sabiex jimplimenta l-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, li tirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu sistema ta' protezzjoni adegwata għall-interessi tal-krediturі tal-kumpanniji li qegħdin jipparteċipaw fid-diviżjoni għad-djun maħluqa qabel il-pubblikazzjoni tal-abbozz tad-diviżjoni u li għadhom ma humiex dovuti fiż-żmien ta' din il-pubblikazzjoni, il-leġiżlatur Taljan ipprovda li l-krediturі li d-drittijiet tagħhom jippreċedu d-diviżjoni għandhom id-dritt li jopponuha fi żmien sittin jum mill-aħħar reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tad-diviżjoni fir-reġistru tal-impriżi. F'dan l-istess sens, il-leġiżlatur Taljan ipprovda wkoll li kull kumpannija li tipparteċipa fid-diviżjoni tinżamm responsabbli *in solidum*, fil-limiti tal-assi netti allokati lilha jew li hija żżomm, għad-djun tal-kumpannija diviża li l-kumpannija li lilha ġie ttrasferit l-obbligu ma ssodisfatx.

31. Min-naħa l-oħra, sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva, li jipprevedi n-nullità ta' diviżjoni, il-leġiżlatur Taljan ipprovda li l-att ta' diviżjoni ma jistax jiġi invalidat iktar ladarba dan jiġi rreġistrat fir-reġistru tal-impriżi.

32. Il-qorti tar-rinviju tosserva li mill-premessa ħdax tas-Sitt Direttiva jirriżulta li wieħed mill-għanijiet ta' din id-direttiva huwa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fir-relazzjonijiet kemm bejn il-kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni kif ukoll bejn dawn u t-terzi u bejn l-azzjonisti. Fid-dawl ta' dan l-għan, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li l-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, billi jipprovdi għal mekkaniżmu biex jipproteġi l-interessi tal-krediturі, jista' jiġi interpretat bħala li jirrendi impossibbli l-eżerċizzju ta' rimedju ieħor għall-istess skop meta l-imsemmija krediturі ma użawx l-istrumenti protettivi previsti f'din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali tenfasizza wkoll li l-limitazzjoni tas-sistema ta' nullitajiet tad-diviżjoni prevista fl-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva tista' timplika li *actio pauliana* ma tistax issir iktar mill-krediturі ta' kumpannija li qiegħda tipparteċipa fid-diviżjoni meta d-diviżjoni daħlet fis-seħħ jekk din l-azzjoni kellha titqies li tirriżulta f'nullità fis-sens ta' din id-direttiva.

33. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tinnota l-assenza, fl-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva, ta' dispożizzjoni li tipprekludi l-eżerċizzju ta' kwalunkwe azzjoni sussegwenti li għandha l-għan li tipproteġi l-garanzija tal-krediturі fuq il-patrimonju tad-debitur. Tinsisti wkoll fuq id-differenzi bejn l-azzjoni għal annullament u l-*actio pauliana* fid-dritt intern.

34. Huwa f'dan il-kuntest li l-Corte d'Appello di Napoli (il-Qorti tal-Appell ta' Napoli) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-krediturі tal-kumpannija diviża, li l-interessi ta' kreditu taghhom huma preċedenti d-diviżjoni, li ma użawx ir-rimedju li jressqu oppożizzjoni skont l-Artikolu 2503 tal-codice civile (il-Kodiċi Ċivili) (u għaldaqstant l-istrument ta' protezzjoni introdott għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 12 [tas-Sitt Direttiva], jistgħu jużaw l-azzjoni revokatorja [jew *pauliana*] skont l-Artikolu 2901 tal-codice civile wara li tkun ġiet implimentata d-diviżjoni, sabiex din tal-aħħar tiġi ddikjarata ineffettiva fil-konfront tagħhom, u, għaldaqstant, li jkollhom preċedenza fl-azzjoni ta' eżekuzzjoni fuq il-krediturі tal-kumpanniji benefiċjarji kif ukoll li jkollhom pożizzjoni ta' preċedenza fuq l-azzjonisti ta' dawn tal-aħħar?

2) Il-kunċett ta' 'nullità', li huwa previst fl-Artikolu 19 tad-direttiva, jirreferi biss għall-azzjonijiet li jaffettwaw il-validità tal-att ta' diviżjoni jew anki dawk li, għalkemm ma jaffettwawx il-validità tiegħu, jiddeterminaw il-fatt li jkun 'ineffikaċi' b'mod relattiv jew li ma jkunx infurzabbli?"

35. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn I.G.I. u Costruzioni Ing. Iandolo, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

36. Ġew ippreżentati sottomissjonijiet orali f'isem dawn l-istess partijiet matul is-seduta li saret fil-5 ta' Ġunju 2019.

IV. Analiżi

A. Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

1. Fuq l-eżistenza tad-djun

37. I.G.I. u Costruzioni Ing. Iandolo jsostnu, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom [9], li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli minħabba li d-domandi magħmula huma irrilevanti. Fil-fatt, l-*actio pauliana*, imressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, hija mingħajr skop minħabba li d-dejn tagħhom spiċċa.

38. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument ma jistax jiġi milqugħ. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja biss hija awtorizzata tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fuq il-bażi tal-fatti li tindikalha l-qorti nazzjonali [10]. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja hija marbuta bil-fatti kif spjegati mill-qorti tar-rinviju.

39. Mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li l-*actio pauliana* inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija nieqsa minn skop minħabba li spiċċaw id-djun tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

40. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja kif prevista fl-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq tqassim ta' funzjonijiet bejniethom, huma l-qrati nazzjonali biss, li quddiemhom tressqet il-kawża u li għandhom jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandhom jevalwaw, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [11].

41. F'dan ir-rigward għandu jingħad li għal domandi preliminari li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni tapplika preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali huwa, fil-fatt, possibbli biss meta jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità ta' regola tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [12].

42. L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi ma teżisti fil-każ ineżami. Il-qorti tar-rinviju ddikjarat fid-deċiżjoni tagħha li d-dispożizzjonijiet li l-applikazzjoni tagħhom hija mitluba mill-partijiet fil-kawża prinċipali huma d-dispożizzjonijiet li jittrasponu s-Sitt Direttiva fid-dritt nazzjonali u b'hekk uriet b'mod ċar ir-raġunijiet għalfejn ir-risposti għad-domandi preliminari jidhru li huma rilevanti u meħtieġa għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

9 Il-Kummissjoni ressqet l-istess argument fl-osservazzjonijiet tagħha waqt is-seduta.

10 Ara s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Érsekcsanádi Mezőgazdasági (C-56/13, EU:C:2014:352, punt 53).

11 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' April 1988, Pardini (338/85, EU:C:1988:194, punt 8); tas-26 ta' Ottubru 2017, Argenta Spaarbank (C-39/16, EU:C:2017:813, punt 37); kif ukoll, iktar riċenti, tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807, punt 42). Bl-istess mod, hija l-qorti tar-rinviju biss li tista' tirtira t-talba għal deċiżjoni preliminari meta tikkunsidra li tali deċiżjoni ma għadhiex neċessarja sabiex tippermettilha ssolvi t-tilwima fil-kawża prinċipali (ara s-sentenza tas-17 ta' Mejju 2001, TNT Traco, C-340/99, EU:C:2001:281, punt 34).

12 Ara, għal dawk l-iktar reċenti, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2019, Plessers (C-509/17, EU:C:2019:424, punt 27); tat-23 ta' Mejju 2019, Fülla (C-52/18, EU:C:2019:447, punt 25); kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2019, GT (C-38/17, EU:C:2019:461, punt 23).

2. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tas-Sitt Direttiva

43. L-ewwel nett, nosserva li mit-titolu tas-Sitt Direttiva jirriżulta li din tkopri d-diviżjonijiet tal-kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata. Bl-istess mod, l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 1(1) tat-Tielet Direttiva, jipprovdi li s-Sitt Direttiva tapplika, fir-rigward tal-Italja, għal kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata ("società per azioni"). Issa, Costruzioni Ing. G. Iandolo ma hijiex kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata imma kumpannija b'responsabbiltà limitata ("società a responsabilità limitata"). Jista' jiġi dedott *prima facie* li s-Sitt Direttiva ma tapplikax għat-tilwima fil-kawża prinċipali, għalhekk ma hemmx bżonn li tingħata risposta għad-domandi preliminari.

44. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-Sitt Direttiva, bis-saħħa tal-Artikolu 21(1), moqri flimkien mal-Artikolu 2(1), tapplika biss fil-każ tat-trasferiment "ta' l-attiv u l-passiv kollu" tal-kumpannija diviża lill-kumpannija l-ġdida fid-diviżjoni. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li parti biss mill-patrimonju ta' Costruzioni Ing. Iandolo kienet ġiet ittrasferita lil I.G.I.

45. Bl-istess mod, fir-rigward tan-numru ta' kumpanniji li huma l-benefiċjarji tad-diviżjoni, l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 21(1) tas-Sitt Direttiva jiddefinixxu diviżjoni bħala operazzjoni li biha kumpannija diviża tittrażmetti l-patrimonju tagħha lil diversi kumpanniji. Kif tiddikjara l-qorti tar-rinviju, il-patrimonju tal-kumpannija diviża f'dan il-każ ġie ttrasferit lil kumpannija waħda biss.

46. Minn dan isegwi li ma huwiex neċessarju li tingħata risposta għad-domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tas-Sitt Direttiva, peress li din hija inapplikabbli fit-tilwima fil-kawża prinċipali.

47. Madankollu, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li din hija kompetenti, skont l-Artikolu 267 TFUE biex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni meta dan tal-aħħar ma jirregolax direttament is-sitwazzjoni inkwistjoni, imma l-leġiżlatur nazzjonali ddeċieda, fil-mument tat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva, li japplika l-istess trattament għal sitwazzjonijiet purament interni u għal dawk irregolati mid-direttiva, sabiex tkun allinjata l-leġiżlazzjoni interna tiegħu mad-dritt tal-Unjoni [13]. Fil-fatt, sakemm leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma, fis-soluzzjonijiet li tadotta għal sitwazzjonijiet li ma jirrigwardawx il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma' dawk ipprattikati fid-dritt tal-Unjoni, jeżisti interess ċert tal-Unjoni, sabiex jiġu evitati r-riskji ta' diverġenzi ta' interpretazzjoni fil-futur, li d-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni jingħataw interpretazzjoni uniformi, irrispettivament miċ-ċirkustanzi li fihom dawn huma applikabbli [14].

48. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Artikoli 2503 u 2504 quater, l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2506 ter u l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2506 quater tal-Kodiċi Ċivili Taljan jittrasponu s-Sitt Direttiva fil-liġi nazzjonali, skont id-dispożizzjonijiet tad-decreto legislativo n. 22 – Attuazione delle direttive n. 78/855/CEE e n. 82/891/CEE in materia di fusioni e scissioni societarie, ai sensi dell'art. 2, comma 1, della legge 26 marzo 1990, n. 69 (Digriet Leġiżlattiv Nru 22, li jimplimenta d-Direttivi 78/855/KEE u 82/891/KEE dwar għaqdiet u diviżjonijiet, skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi Nru 69 tas-26 ta' Marzu 1990) tas-16 ta' Jannar 1991 [15], kif tirrileva barra minn hekk il-Kummissjoni. Din tal-aħħar tenfasizza wkoll li dan id-digriet leġiżlattiv jipprevedi espressament l-estensjoni tas-sistema tas-Sitt Direttiva, minbarra għal kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata, għat-tipi kollha ta' kumpanniji.

13 Ara s-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem (C-28/95, EU:C:1997:369, punt 34).

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Cicala (C-482/10, EU:C:2011:868); tat-18 ta' Ottubru 2012, Nolan (C-583/10, EU:C:2012:638, punt 45); kif ukoll tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874, punt 53).

15 GURI nru 19, tat-23 ta' Jannar 1991.

49. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont l-Artikolu 2506 tal-Kodiċi Ċivili, diviżjoni tista' tiġi kkompletata meta l-kumpannija diviża talloka l-patrimonju kollu tagħha lil diversi kumpanniji, jew parzjalment, meta l-kumpannija diviża tittrasferixxi biss parti mill-patrimonju tagħha lil kumpannija kkostitwita ġdida. L-Artikoli 2503 u 2504 quater, l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2506 ter u l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 2506 quater tal-Kodiċi Ċivili, li huma d-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni tas-Sitt Direttiva, huma għalhekk applikati wkoll fid-dritt Taljan, għal diviżjonijiet li permezz tagħhom parti biss mill-patrimonju tal-kumpannija diviża hija ttrasferita lil kumpannija waħda.

50. Barra minn hekk, din is-soluzzjoni tidher loġika, peress li tippermetti standardizzazzjoni tas-sistema ta' diviżjonijiet fl-istess Stat Membru, għat-tipi kollha ta' kumpanniji u għad-diviżjonijiet ta' kull tip [16].

51. Minn dan, fil-fehma tiegħi, jirriżulta li l-leġiżlatur Taljan kellu l-intenzjoni li jallinja l-leġiżlazzjoni interna dwar diviżjonijiet ta' kumpanniji barra minn kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata mas-sistema prevista fis-Sitt Direttiva, kemm jekk ikunu diviżjonijiet kompleti jew inkella parzjali, b'mod li l-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti twieġeb id-domandi magħmula.

52. Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva proposta mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva f'każijiet fejn il-kumpannija diviża ma tgħibx wara d-diviżjoni, imma tibqa' teżisti legalment. Skont il-Kummissjoni, dan ma jfissirx li l-Istat Membru jista' jinjora l-kundizzjoni relatata mat-trasferiment tal-patrimonju kollu. Il-possibbiltà offruta lill-Istati Membri li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tas-Sitt Direttiva kienet għalhekk limitata: diviżjoni tista' sseħħ mingħajr it-tmiem tal-kumpannija diviża, sakemm il-kumpannija diviża tittrasferixxi l-patrimonju kollu tagħha lill-kumpanniji benefiċjarji. L-Istati Membri ma jistgħux japplikaw is-sistema ta' din id-direttiva għal operazzjonijiet ta' diviżjoni li ma jinvolvux it-trasferiment tal-patrimonju kollu attiv u l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija diviża.

53. Dan ir-raġunament ma jikkonvinċinix. Minn naħa, l-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi interpretat b'mod letterali. Fit-termini ta' dan l-artikolu, jekk il-leġiżlatur nazzjonali jagħżel li jestendi l-kunċett ta' diviżjoni għall-ipoteżijiet fejn il-kumpannija diviża tibqa' teżisti, huwa meħtieġ li dawn l-operazzjonijiet ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. L-Artikolu 25 tas-Sitt Direttiva għalhekk ma jfissirx li l-leġiżlatur nazzjonali ma jistax jirreferi għad-dispożizzjonijiet imsemmija sabiex jirregola sitwazzjonijiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

54. Min-naħa l-oħra, u iktar importanti minn hekk, l-allinjament, *fid-dritt nazzjonali*, ta' operazzjonijiet ta' diviżjoni li ma jinvolvux it-trasferiment tal-patrimonju kollu tal-attiv u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpannija diviża mas-sistema tas-Sitt Direttiva, huwa esklużivament fil-kompetenza tal-leġiżlatur nazzjonali. L-Istati Membri huma liberi li jikkonformaw ruħhom, fir-rigward ta' oqsma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, mas-soluzzjonijiet adottati mid-dritt tal-Unjoni. Din il-libertà li jsir riferiment għas-soluzzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għal sitwazzjonijiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ma tistax tkun limitata, sakemm tali riferiment ma jippreġudikax it-twettiq tal-għanijiet li għandha s-Sitt Direttiva.

16 Għal ċerti awturi, din is-soluzzjoni tippermetti li jiġi evitat li jkun hemm "dritt tal-kumpanniji b'żewġ veloċitajiet"; ara Guyon, Y., "La coordination communautaire du droit français des sociétés", *RTD Eur*, 1990, p. 241. F'dan ir-rigward irrid nenfasizza li għażla bħal din saret minn Stati Membri oħra meta ttrasponew is-Sitt Direttiva. Ara, bħala eżempju, għal Franza, loi n° 88/17, du 5 janvier 1988, relative aux fusions et aux scissions de sociétés commerciales et modifiant la loi n° 66/537, du 24 juillet 1966, sur les sociétés commerciales (il-Liġi Nru 88/17 tal-5 ta' Jannar 1988 dwar l-għaqdiet u d-diviżjonijiet ta' kumpanniji kummerċjali u li temenda l-Liġi Nru. 66/537 tal-24 ta' Lulju 1966 dwar kumpanniji kummerċjali) (JORF tas-6 ta' Jannar 1988, p. 227); għall-Ġermanja, Gesetz über die Spaltung der von der Treuhandanstalt verwalteten Unternehmen (SpTrVG) (Liġi dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji ġestiti mill-Aġenzija tat-Treuhand) tal-5 ta' April 1991 (BGBl. 1991 I p. 854); għal Spanja, Ley 19/89 de reforma parcial y adaptación de la legislación mercantil a las Directivas de la Comunidad Económica Europea (CEE) en materia de Sociedades [il-Liġi 19/89 dwar ir-riforma parzjali u l-adattament tal-leġiżlazzjoni tal-kummerċ għad-direttivi tal-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) fil-qasam tal-kumpanniji] tal-25 ta' Lulju 1989 (BOE nru 178, tas-27 ta' Lulju 1989, p. 24085); u, għall-Polonja, kodeks spółek handlowych (il-kodiċi tal-kumpanniji kummerċjali) tal-15 ta' Settembru 2000 (Dz. U. tal-2000, n° 94, pożizzjoni 1037), b'mod partikolari l-artikolu 529 ta' dan il-kodiċi.

55. Issa, ma jidhirx li t-tkomplija, fid-dritt nazzjonali, tas-soluzzjonijiet preskritti mis-Sitt Direttiva f'sitwazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha tista' tikkomprometti t-twettiq tal-għanijiet segwiti mil-leġiżlatur tal-Unjoni permezz ta' din id-direttiva.

56. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li hemm lok li d-domandi preliminari jitqiesu bħala ammissibbli.

B. Fuq id-domandi preliminari

1. Fuq l-ewwel domanda preliminari

57. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva għandux jiġi interpretat bħala li jipprekludi krediturі ta' kumpannija diviża, li d-drittijiet tagħhom jippreċedu d-data tad-diviżjoni, milli jibdew *actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ladarba sseħħ id-diviżjoni u anki jekk dawk il-krediturі ma għamlux użu mill-istrument ta' protezzjoni previst fid-dritt nazzjonali skont din id-dispożizzjoni.

58. L-Artikolu 12(1) tas-Sitt Direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu għal sistema xierqa ta' protezzjoni tal-interessi tal-krediturі tal-kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni, għal djun li jinħolqu qabel il-pubblikazzjoni tal-abbozz tad-diviżjoni u li għadhom ma humiex dovuti fil-mument ta' din il-pubblikazzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom *għall-inqas* jipprovdu li krediturі bħal dawn għandhom id-dritt li jiksbu garanziji adegwati meta dan ikun meħtieġ minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija diviża u tal-kumpanniji li jibbenefikaw mid-diviżjoni. Alternattivament, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għażla li jistabbilixxu sistema ta' responsabbiltà *in solidum* bejn il-kumpanniji li jibbenefikaw mid-diviżjoni għall-obbligazzjonijiet tal-kumpannija diviża. L-Artikolu 12(7) tas-Sitt Direttiva jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu, madankollu, jgħaqqdu s-sistema adegwata ta' protezzjoni tal-krediturі msemmija fil-paragrafu 1 mas-sistema ta' responsabbiltà *in solidum* fost il-kumpanniji li huma l-benefiċjarji tad-diviżjoni. F'dan il-każ, ir-responsabbiltà *in solidum* tal-kumpanniji benefiċjarji hija limitata għall-attiv nett allokat lil kull waħda minn dawn il-kumpanniji.

59. Dawn id-dispożizzjonijiet jistiednu tliet rimarki min-naħa tiegħi. L-ewwel nett, ir-rekwiżit tal-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva biex tiġi pprovduta sistema ta' protezzjoni tal-interessi tal-krediturі hu wieħed minimu. Il-frażi "ta' l-anqas" tindika fil-fatt li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw ċertu limitu ta' protezzjoni tal-interessi tal-krediturі filwaqt li jingħatawlhom garanziji f'sitwazzjoni partikolari, mingħajr ma jkunu limitati għal dik il-miżura ta' protezzjoni. L-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva ma jistabbilixxix lista eżawrjenti ta' strumenti li jistgħu jitpoġġew fis-seħħ bil-għan li jitħarsu l-interessi tal-krediturі [17].

60. Imbagħad, is-Sitt Direttiva timponi fuq l-Istati Membri li jimplimentaw sistema adegwata ta' protezzjoni tal-krediturі biss għad-djun li jippreċedu l-pubblikazzjoni tal-abbozz tad-diviżjoni u li ma' kinux għadhom dovuti fiż-żmien ta' dik il-pubblikazzjoni. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-djun maħluqa qabel il-pubblikazzjoni tad-diviżjoni proposta diġà dovuti fiż-żmien ta' din il-pubblikazzjoni, din id-direttiva ma tipprevedix strumenti speċifiċi biex jipproteġu l-interessi tal-krediturі. Hawn ukoll, jirriżulta li għalkemm l-Istati Membri huma obbligati jdaħħlu strumenti ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċertu tip ta' djun, il-leġiżlaturi nazzjonali jistgħu jipprovdu, fid-dritt nazzjonali, miżuri protettivi dwar tipi oħra ta' djun li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva.

17 Mingħajr ma jħalli b'hekk lill-Istati Membri kompletament liberi li jintroduċu strumenti mmirati għall-istess għan, kif se nispjega fil-punti 67 sa 69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

61. Fl-aħħar nett, huwa espressament indikat fl-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva li l-implimentazzjoni ta' sistema ta' responsabbiltà *in solidum* għall-kumpanniji li jibbenefikaw mid-diviżjoni ma teskludix miżuri oħra biex jipproteġu l-interessi tal-krediturі. Il-kumulu ta' strumenti differenti ta' protezzjoni jippermetti biss li tiġi limitata r-responsabbiltà *in solidum* bejn id-diversi kumpanniji benefiċjarji fl-attiv nett tagħhom. L-implimentazzjoni tas-sistema ta' responsabbiltà *in solidum* fost il-kumpanniji li jibbenefikaw mid-diviżjoni ma tistax tipprevjeni l-introduzzjoni ta' miżuri oħra biex jipproteġu l-krediturі.

62. Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li jsostnu I.G.I. u Costruzioni Ing. Iandolo, l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva ma jipprevedix "sistema magħluqa ta' protezzjoni" li lil hinn minnha l-Istati Membri ma jistgħux iddaħħlu iktar miżuri addizzjonali biex jipproteġu l-interessi tal-krediturі. Bħala prinċipju, din id-dispożizzjoni ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw miżuri li jipproteġu wkoll krediturі tal-kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni.

63. Bl-istess mod, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju, ma hemm xejn fl-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva li jiddetermina l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri addizzjonali biex jipproteġu l-interessi tal-krediturі għal li wieħed jirrikorri minn qabel għall-istrumenti previsti minn din id-direttiva. Għalhekk jien tal-fehma li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jintroduċu mekkaniżmi li jipproteġu l-interessi tal-krediturі, minbarra l-miżuri preskritti espressament mis-Sitt Direttiva.

64. Issa, *actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija differenti mill-istrumenti previsti fis-Sitt Direttiva. Ma hijiex miżura ta' traspożizzjoni u hija maħsuba biex tiġi istitwita f'numru limitat biss ta' sitwazzjonijiet[18]. Jibqa' l-fatt, madankollu, li *actio pauliana* bħal dik prevista fil-Kodiċi Ċivili Taljan hija miżura maħsuba biex tipproteġi d-drittijiet tal-krediturі meta att tad-debitur jista' jagħmel ħsara lill-interessi ta' dawn tal-aħħar. Għalhekk tippermetti protezzjoni iktar estiża tal-interessi tal-krediturі tal-kumpannija diviża. Fl-opinjoni tiegħi, *actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija miżura addizzjonali ta' protezzjoni tal-interessi tal-krediturі, li ma tipprekludix l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva[19].

65. Jien għalhekk tal-fehma li l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva ma jipprekludix, bħala prinċipju, li l-krediturі ta' kumpannija diviża, li d-drittijiet tagħhom jippreċedu d-diviżjoni, jintroduċu *actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ladarba sseħħ id-diviżjoni u anki għalkemm dawk il-krediturі ma użawx l-istrument ta' protezzjoni previst fid-dritt nazzjonali skont din id-dispożizzjoni[20].

66. Madankollu, f'dan l-istadju, għandi nippreċiża l-interpretazzjoni tiegħi tal-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva.

18 Sa fejn tippreżupponi, b'mod partikolari, li l-att ta' diviżjoni kien twettaq mid-debitur b'mod frawdolenti u kien ikkawża preġudizzju lill-kreditur.

19 F'dan ir-rigward, ftit huwa rilevanti li l-*actio pauliana* tolqot djun ta' qabel id-diviżjoni diġà dovuti jew għadhom ma humiex dovuti. Fiż-żewġ każijiet, l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva jippermetti, fil-fehma tiegħi, l-introduzzjoni ta' miżuri li jipproteġu l-interessi tal-krediturі.

20 Barra minn hekk, irrid nenfasizza li l-introduzzjoni ta' *actio pauliana* mill-krediturі tal-kumpannija diviża tidher, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, neċessarja għall-protezzjoni ta' dawn tal-aħħar. Kif spjegajt fil-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-leġiżlatur Taljan kellu l-intenzjoni li jissottometti għas-sistema tas-Sitt Direttiva d-diviżjonijiet parzjali li jinvolvu t-trasferiment ta' parti mill-patrimonju tal-kumpannija diviża lil kumpannija waħda. Issa, is-sistema ta' responsabbiltà *in solidum* prevista minn din id-direttiva għall-protezzjoni tal-interessi tal-krediturі hija sistema ta' responsabbiltà *in solidum bejn il-kumpanniji li jibbenefikaw mid-diviżjoni*, filwaqt li taħt id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva ma jeżistix l-obbligu tal-Istati Membri li jimplimentaw responsabbiltà *in solidum* bejn, minn naħa, il-kumpannija diviża u, min-naħa l-oħra, il-kumpannija li kienet il-benefiċjarja tad-diviżjoni. Fi kliem ieħor, meta d-diviżjoni parzjali topera favur kumpannija benefiċjarja waħda, kif inhu l-każ fil-kawża prinċipali, wieħed mill-istrumenti ta' protezzjoni tal-interessi tal-krediturі preskritti mis-Sitt Direttiva jispiċċa ineffettiv. Fl-opinjoni tiegħi, l-*actio pauliana* tista', f'dan il-każ preċiż, titqies bħala mezz biex tingħeleb l-ineffiċjenza tas-sistema ta' responsabbiltà *in solidum* fost il-kumpanniji li huma l-benefiċjarji ta' diviżjoni prevista mis-Sitt Direttiva. Ara, fir-rigward ta' każ simili fid-dritt Franċiż, Lecourt, B., "De l'utilité de l'action paulienne en droit des sociétés", *Aspects actuels du droit des affaires. Mélanges en l'honneur de Yves Guyon*, Dalloz, Pariġi, 2003. F'dan ir-rigward nippreċiża li jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-qrati Taljani jidhru li jaċċettaw l-estensjoni, fid-dritt Taljan, tas-sistema ta' solidarjetà bejn il-kumpannija diviża u l-kumpannija li kienet il-benefiċjarja tad-diviżjoni.

67. Jiena tal-fehma li għalkemm l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu miżuri ta' protezzjoni tal-kredituri minbarra dawk previsti fis-Sitt Direttiva, tali miżuri ma għandhomx jipperikolaw ir-riżultati preskritti minn din id-direttiva u b'hekk idgħajfu l-effett utli tagħha.

68. F'dan ir-rigward, nosserva li, kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni waqt is-seduta, skont l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva, moqri fid-dawl tat-tmien premessa tagħha, wieħed mill-għanijiet ta' din id-direttiva huwa li jiġi żgurat li l-kredituri kollha tal-kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni jitħarsu sabiex id-diviżjoni ma tagħmlilhomx ħsara. L-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva, li jikkonċerna l-protezzjoni tal-kredituri tal-kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni, jidhirli li huwa sostnut minn prinċipju ta' ugwaljanza bejn il-kredituri kkonċernati. Barra minn hekk, mill-ħdax-il premessa ta' din id-direttiva jirriżulta li din id-direttiva hija wkoll maħsuba biex tiggarantixxi ċ-ċertezza legali tad-diviżjonijiet.

69. Kif tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju, ma jistax jiġi eskluż li l-introduzzjoni ta' *actio pauliana* minn ċerti kredituri tal-kumpannija diviża kontra l-kumpannija li bbenefikat mid-diviżjoni tista' tagħmel ħsara lill-protezzjoni tal-interessi tal-kredituri l-oħra, li huma koperti wkoll mill-protezzjoni prevista fl-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva u li qagħdu fuq l-effetti tad-diviżjoni. Bl-istess mod, ma jistax jiġi eskluż li l-introduzzjoni ta' *actio pauliana* tista' taffettwa ċ-ċertezza legali tar-relazzjonijiet bejn terzi u kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni. Jekk dan hu l-każ, u hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifikah, l-introduzzjoni tal-*actio pauliana* tkun tista' tipperikola li jintlaħqu l-għanijiet tas-Sitt Direttiva.

70. Għalhekk, jiena tal-fehma li l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva ma jipprekludix, bħala prinċipju, li l-kredituri ta' kumpannija diviża, li d-drittijiet tagħhom kienu jippreċedu d-diviżjoni, jagħmlu azzjoni bbażata fuq l-*actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ladarba sseħħ id-diviżjoni u anki jekk dawk il-kredituri ma użawx l-istrument ta' protezzjoni previst fid-dritt nazzjonali skont din id-dispożizzjoni, sakemm din l-azzjoni ma taffettwax il-protezzjoni tal-kredituri l-oħra msemmija f'din id-dispożizzjoni, ħaġa li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

2. Fuq it-tieni domanda preliminari

71. Bit-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-kunċett ta' "annullament", fis-sens tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva, għandux jinftiehem bħala li jkopri wkoll *actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

72. L-ewwel nett għandi nenfasizza li l-kunċett ta' "annullament" ma hu ddefinit imkien fis-Sitt Direttiva. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata ta' termini li ma jingħataw ebda definizzjoni fid-dritt tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita skont it-tifsira komuni tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintużaw u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha jiffurmaw parti [21].

73. Il-kunċett ta' "annullament", fis-sens tas-soltu tiegħu, jirreferi għas-sanzjoni ta' att li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-formazzjoni tiegħu, li jinvolvi t-tmiem ta' dan l-att u jipproduċi effetti fir-rigward ta' kulħadd. Din id-definizzjoni hija kkonfermata fid-dawl tal-kuntest li fih il-kunċett ta' "annullament" huwa użat u l-għanijiet segwiti mis-Sitt Direttiva b'mod ġenerali, u b'mod partikolari bl-Artikolu 19 tagħha.

74. L-ewwel nett, l-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva jistabbilixxi l-kundizzjonijiet restrittivi li għandhom jiġu ssodisfatti mis-sistema tan-nullitajiet tal-operazzjoni ta' diviżjoni. B'mod partikolari, minbarra terminu mnaqqas għall-introduzzjoni ta' azzjoni għal annullament, l-Artikolu 19(1)(b) ta' din id-direttiva jipprovdi li n-nullità ta' diviżjoni li daħlet fis-seħħ tista' tiġi ddikjarata biss għal ċerti

21 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2017, X (C-661/15, EU:C:2017:753, punt 27), u tal-20 ta' Setttembru 2018, 2M-Locatel (C-555/17, EU:C:2018:746, punt 36).

raġunijiet stabbiliti b'mod limitattiv. Dawn ir-raġunijiet għandhom x'jaqsmu esklużivament man-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-formazzjoni tal-att ta' diviżjoni, bħall-eżistenza ta' kontroll preventiv ġudizzjarju jew amministrattiv, ta' att awtentiku, jew il-validità tad-deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali dwar l-abbozz ta' diviżjoni. In-nullità tad-diviżjoni fis-sens tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva hija għalhekk is-sanzjoni tal-ksur tal-kundizzjonijiet relatati mal-formazzjoni tal-att ta' diviżjoni.

75. Sussegwentement, l-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva, li jirrestriġi l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni ta' azzjoni għal annullament ta' diviżjoni, huwa intiż sabiex jiżgura ċertezza legali fir-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji li jipparteċipaw fid-diviżjoni u bejn dawn tal-aħħar u t-terzi, kif ukoll bejn l-azzjonisti, kif jirriżulta mill-ħdax-il premessa ta' din id-direttiva. Jista' jiġi dedott minn dan li n-nullità ta' diviżjoni fis-sens tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva tipproduċi effetti fir-rigward ta' kulħadd.

76. Finalment, l-Artikolu 19(1)(d) tas-Sitt Direttiva jipprovdi wkoll li, fejn possibbli, għandha tiġi rrimedjata l-irregolarità li tista' twassal għan-nullità tad-diviżjoni. Għalhekk jidher kemm mill-għan tal-Artikolu 19 ta' din id-direttiva kif ukoll mis-sistema stabbilita minnha li din id-dispożizzjoni hija intiża fuq kollox biex tevita t-tmiem tal-att ta' diviżjoni li daħal fis-seħħ.

77. Inżid ngħid li din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "annullament", fit-tifsira tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva, bħala sanzjoni għal att li l-kundizzjonijiet ta' formulazzjoni tiegħu ma humiex osservati, u li tirriżulta fit-tmiem tiegħu u tipproduċi effetti fuq kulħadd, hija barra minn hekk imsaħħa bil-qari ta' strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni li jagħmlu użu mill-kunċett ta' "annullament", u b'mod partikolari tal-Ewwel Direttiva, li hija dwar in-nullità tal-kumpanniji. L-Artikolu 11(2) tal-Ewwel Direttiva jipprovdi li "[b]arra mir-raġunijiet ta' nullità msemmijin qabel, kumpannija ma għandhiex tkun suġġetta għal xi kawża ta' nuqqas ta' eżistenza, nullità assoluta, nullità relattiva jew dikjarazzjoni ta' nullità." Il-kunċett ta' "nullità", fis-sens tal-Artikolu 11(2) tal-Ewwel Direttiva, għalhekk jestendi għan-nuqqas ta' eżistenza, għan-nullità assoluta, għan-nullità relattiva, jew għall-annullabbiltà, u dawn il-kunċetti kollha jirreferu għal azzjonijiet li jwasslu għat-tmiem tal-att, jiġifieri l-annullament tiegħu.

78. Fl-opinjoni tiegħi, ir-rikors għal annullament, fis-sens tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva, kif iddefinit, u l-*actio pauliana*, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, la għandhom l-istess skop u lanqas l-istess effetti.

79. Minn naħa, il-qorti tar-rinviju tippreċiża, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, li l-Artikolu 2901 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li kreditur jista' jitlob li l-atti ta' dispożizzjoni tal-patrimonju li bihom id-debitur jagħmillu ħsara jiġu ddikjarati mingħajr effett fir-rigward tiegħu. B'hekk, jekk l-azzjoni għal annullament għandha l-għan li tissanzjona n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet għall-formazzjoni tal-att ta' diviżjoni, l-*actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija intiża biss biex tipproteġi l-kredituri li d-diviżjoni tista' tippreġudika d-drittijiet tagħhom. Min-naħa l-oħra, jekk l-azzjoni għal annullament tinvolvi t-tmiem tad-diviżjoni u toħloq effetti fir-rigward ta' kulħadd, l-*actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha biss l-effett li tagħmel l-att tad-diviżjoni ineffettiv fil-konfront tal-kreditur illegali, billi dan ikun mingħajr effetti *fil-konfront tal-kreditur* li jkun introduċa l-azzjoni.

80. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li l-azzjoni għal annullament fis-sens tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva u l-*actio pauliana*, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistgħux jiġu mħallta.

81. Inżid ngħid f'dan ir-rigward li l-Artikolu 7(2)(m) tar-Regolament (UE) 2015/848 [22] jipprovdi li l-liġi tal-Istat tal-ftuħ tiddetermina, *inter alia*, ir-regoli dwar in-nullità jew in-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' atti ġuridiċi li jippreġudikaw il-massa tal-krediturі. F'dan il-każ, in-nullità u n-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' att huma assimilati. Jiena nikkonkludi li, fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu l-intenzjoni li jissuġġetta għall-istess regoli n-nullità u n-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' atti ġuridiċi, huwa jesprimi dan espressament. Dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva.

82. Barra minn hekk, nosserva wkoll li l-assimilazzjoni tal-*actio pauliana* ma' azzjoni għal annullament fis-sens tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva jkollha l-effett li tagħmel l-introduzzjoni ta' *actio pauliana* ineffettiva. Peress li l-*actio pauliana* ma tfittixx li tissanzjona n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet għall-formazzjoni tal-att ta' diviżjoni, hija ma tista' qatt tirrigwarda każijiet ta' nullità stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b) tas-Sitt Direttiva. Minn dan isegwi li, skont l-Artikolu 19(1)(b) ta' din id-direttiva, *actio pauliana*, assimilata ma' azzjoni għal annullament, ma tistax tiġi ppreżentata wara li d-diviżjoni tidħol fis-seħħ. Issa, *actio pauliana*, li tippreżupponi att ta' dispożizzjoni tal-patrimonju, neċessarjament tiġi wara li tidħol fis-seħħ id-diviżjoni. Dan l-istrument jiġi, għalhekk, innewtralizzat [23].

83. Barra minn dan, peress li l-*actio pauliana* tippreżupponi, għall-introduzzjoni tagħha, att validu ta' dispożizzjoni tal-patrimonju, ikun paradossali li din l-azzjoni titqies bħala ekwivalenti għal azzjoni għal annullament, li trid preċiżament li tissanzjona l-invalidità ta' tali att.

84. Għalhekk, *actio pauliana* bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi assimilata ma' azzjoni għal annullament fis-sens tal-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva.

85. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li l-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-introduzzjoni ta' *actio pauliana*, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn id-diviżjoni tkun saret mill-krediturі ta' kumpannija diviża li d-drittijiet tagħhom jippreċedu d-diviżjoni ta' din il-kumpannija, billi l-*actio pauliana* ma tistax tiġi assimilata ma' azzjoni għal annullament fis-sens ta' din id-direttiva.

V. Konklużjoni

86. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari magħmula mill-Corte d'Appello di Napoli (il-Qorti tal-Appell ta' Napoli, l-Italja), tkun is-segwenti:

1) L-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(ġ) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji b'responsabbilta pubblika limitata, kif emendata mid-Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007, moqri flimkien mal-Artikoli 21 u 22 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-introduzzjoni mill-krediturі ta' kumpannija diviża, li d-drittijiet tagħhom jippreċedu d-diviżjoni ta' din il-kumpannija, ta' *actio pauliana*, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta d-diviżjoni tkun saret mingħajr ma dawk il-krediturі jkunu għamlu użu mill-istrument ta' protezzjoni previst fid-dritt nazzjonali bit-traspożizzjoni tas-Sitt Direttiva 82/891, kif emendata mid-Direttiva 2007/63, sabiex id-diviżjoni tiġi ddikjarata ineffettiva fir-rigward tagħhom, sakemm azzjoni bħal din ma tippreġudikax il-protezzjoni tal-krediturі l-oħra msemmija f'din id-dispożizzjoni.

22 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2015, L 141, p. 19).

23 Soluzzjoni bħal din ma tistax tiġi aċċettata, partikolarment sa fejn l-*actio pauliana* jista' jkollha rwol palljattiv meta ċerti strumenti għall-protezzjoni tal-krediturі previsti mid-dritt tal-Unjoni, bħall-mekkaniżmu ta' responsabbiltà *in solidum* u tal-kumpanniji benefiċjarji tad-diviżjoni, ma jibqgħux iktar operattivi.

2) L-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva 82/891, kif emendata mid-Direttiva 2007/63, moqri flimkien mal-Artikoli 21 u 22 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-introduzzjoni ta' *actio pauliana*, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn id-diviżjoni tkun saret mill-kredituri ta' kumpannija diviża li d-drittijiet tagħhom jippreċedu d-diviżjoni ta' din il-kumpannija, billi l-*actio pauliana* ma tistax tiġi assimilata ma' azzjoni għal annullament fis-sens ta' din id-direttiva.